MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 518/2007

Ineż mart Francesco Saverio **CALLEJA** u l-istess Francesco Saverio Calleja għal kull interess li jista' jkollu

vs

**AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-11 ta' Mejju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-Awtorita' mħarrka biex, fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa, ittella' l-ħitan li jaqsmu l-ġid tagħhom mit-toroq pubbliċi u dan fuq l-istess linja murija fid-dokument mehmuż mal-istess Rikors Maħluf, bi spejjeż tal-istess Awtorita' mħarrka u skond ma titlob is-sengħa, u taħt is-sorveljanza ta' perit tekniku maħtur għal dan il-

għan mill-Qorti, u li, f'każ li l-Awtorita' mħarrka tonqos milli tagħmel dak lilha ordnat fiż-żmien lilha mogħti, tawtorizża lilhom biex itellgħu l-ħitan imsemmija bi spejjeż għall-Awtorita' mħarrka. Talbu wkoll l-ispejjeż u żammew sħiħ il-jedd tagħhom għal kull azzjoni oħra xierqa kontra l-imsemmija Awtorita';

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Mejju, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-Awtorita' mħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Awtorita' mħarrka fil-11 ta' Ġunju, 2007, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kenitx taħti bl-ebda mod għat-twaqqigħ tal-ħitan li kienu jifirdu l-ġid tal-atturi mit-toroq pubbliċi li jmissu mal-istess ġid;

Rat il-provi mressqa mill-atturi bil-mezz tal-affidavit u kif ukoll il-provi dokumentali li għoġobhom jehimżu magħhom;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-atturi waqt is-smigħ tat-2 ta' Lulju, 2009[1];

Rat il-verbali tas-smigħ tal-21 ta' Ottubru, 2009, li fih l-għaref difensur tal-Awtorita' mħarrka ntrabat li jressaq Nota bl-ismijiet tax-xhieda li l-istess Awtorita' kien fi ħsiebha tressaq, liema fakulta' din il-Qorti tawlet iż-żmien biex titressaq fuq talba tal-istess Awtorita', b'degriet tat-2 ta' Frar, 2010;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-18 ta' Novembru, 2010[2], mill-għaref avukat tal-Awtorita' mħarrka li biha għarraf lill-Qorti li l-patriċinata tiegħu ma kellhiex provi xi tressaq u li l-istess Awtorita' kienet nediet sejħa għall-offerta biex jitwettaq ix-xogħol meħtieġ ta' titligħ ta' ħitan;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[1] Pag. 24 tal-Proċess
[2] Paġ. 28 tal-Proċess

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur tal-atturi waqt is-smigħ tal-lum, flimkien mat-talba tiegħu li l-Qorti tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat*:**

Illi din hija azzjoni biex jittellgħu mill-ġdid ħitan li jagħlqu ġid privat minn art pubblika, liema ħitan kienu twaqqgħu hu u jsir twessigħ ta' toroq fl-inħawi tal-Marsa. L-atturi, sidien tal-art li tmiss mal-imsemmija toroq, qegħdin jitolbu li l-Awtorita' mħarrka terġa' ttella' l-imsemmija ħitan fuq il-bixra u tal-għoli li kienu qabel twaqqgħu;

Illi l-Awtorita' mħarrka laqgħet għal din it-talba billi qalet li hi mhix responsabbli għat-titligħ mill-ġdid tal-imsemmija ħitan;

Illi <u>minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-attriċi hija sid ta' art fil-qasam magħruf bħala *"Tal-Palma",* fil-Marsa li ġie għandha b'wirt mingħand il-ġenituri tagħha. Żewġha l-attur ilu amministratur ta' ħwejjiġha f'dan ir-rigward sa mill-1978. Fl-1973 kien qiegħed isir il-proġett ta' Triq Diċembru Tlettax fil-Marsa u l-inħawi tal-madwar, u fost l-artijiet milquta bl-imsemmi proġett kien hemm biċċa mill-imsemmija art. Hu u għaddej ix-xogħol, xi ħitan li kienu jdawru l-art tal-attriċi nħattew[3];

Illi minkejja li l-proġett beda u ntemm, il-ħitan li twaqqgħu baqgħu ma nbnewx u l-art tal-attriċi, li ġiet tmiss mat-triq pubblika, ma kellhiex ilqugħ mill-ambjenti pubbliċi tal-istess triq;

Illi l-atturi baqgħu jisħqu mal-awtoritajiet li l-art tagħhom ma tibqax miftuħa għad-dħul tan-nies. F'Settembru tal-2005[4], l-attur kiteb lill-Uffiċċju tal-Ombudsman bil-ħsieb li

---

[3] Dok "A", F'Paġ 4 Tal-Proċess
[4] Dok "Ċ", F'Paġ 16 Tal-Proċess

dak l-Uffiċċju jistħarreġ għaliex il-ħitan imġarrfa ma ttellgħux u meta hemm il-ħsieb li jsir ix-xogħol meħtieġ. F'Jannar tal-2006[5], dak l-Uffiċċju bagħat jgħarraf lill-attur x'kienet wieġbet l-Awtorita' mħarrka li, sa dak iż-żmien, kien daħlet responsabbli għat-tmexxija tax-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mat-toroq;

Illi wara li l-atturi baqgħu ma ħadux tweġiba oħra u x-xogħlijiet imwegħda baqgħu ma sarux, l-atturi fetħu din il-kawża f'Mejju tal-2007;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jolqtu l-każ, il-Qorti ssib li l-kwestjoni waħdanija li għandha għalfejn tistħarreġ hi dik li tirreferi għar-responsabbilita' għax-xogħlijiet meħtieġa għat-titligħ tal-ħitan. Ma hemm l-ebda kwestjoni bejn il-partijiet dwar jekk l-attriċi hijiex tassew sid tal-art milquta bil-proġett jew dwar jekk kienx tassew il-każ li l-ħitan ta' dik l-art kenux twaqqgħu hu u għaddej ix-xogħol fl-imsemmi proġett;

Illi l-Awtorita' mħarrka tilqa' għall-azzjoni attriċi billi tgħid li hi ma taħti bl-ebda mod għat-twaqqigħ tal-imsemmija ħitan. Issa, huwa minnu tassew li, fiż-żmien li kien qiegħed isir il-proġett ta' Triq Diċembru Tlettax, l-Awtorita' mħarrka ma kenitx għadha twaqqfet u li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru mid-Dipartiment Governattiv konċernat. Iżda huwa fatt ukoll li meta daħlet fis-seħħ il-liġi li waqqfet lill-awtriċi tal-Awtorita' mħarrka, ir-responsabbilita' dipartimentali u s-setgħat marbutin magħha għaddew għandha. L-Awtorita' tal-lum wirtet ukoll ir-responsabbilitajiet tal-Awtorita' li kien hemm qabilha u daħlet fiż-"żarbun legali" ta' dik. Minbarra dan, jidher ċar mill-provi dokumentali mressqin fl-atti li l-istess Awtorita' mhux biss ma ċaħditx li hija responsabbli għat-titligħ tal-ħitan, talli saħansitra indikat il-proċeduri li hija kienet nediet biex jitwettqu x-xogħlijiet meħtieġa u kienet saħansitra qabbdet perit arkitett biex jissolveljahom. L-istess perit kien ta xi assikurazzjonijiet lill-Uffiċċju tal-Ombudsman ukoll dwar il-modalita' u ż-żmien li kien mistenni jieħu x-xogħol imsemmi;

[5] Dok "E", F'Paġġ 18-9 Tal-Proċess

Illi mill-ġabra ta’ dawn iċ-ċirkostanzi u riżultanzi proċesswali l-Qorti tislet il-fehma li m’għandu jifdal l-ebda dubju li l-Awtorita’ mħarrka hija responsabbli biex twettaq ix-xogħlijiet mitlubin mill-atturi u li l-atturi għandhon jedd imsejjes fil-liġi biex jitolbu dawk ix-xogħlijiet. Min-naħa l-oħra, ma ntwera bl-ebda mod li l-atturi ġabu b’idejhom dak li ġralhom. Għall-kuntrarju, t-tiġrif tal-ħitan sar fil-qafas ta’ xogħlijiet pubbliċi li qajla kellhom is-setgħa li jżommu jew li jwaqqfu;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni waħdanija tal-Awtorita’ mħarrka ma tirriżultax mistħoqqa u m’hijiex sejra tintlaqa’;

Illi ladarba m’hemmx eċċezzjonijiet oħrajn kontra t-talba attriċi u ladarba ħareġ li l-istess talba hija msejsa fil-fatt u fid-dritt, il-Qorti hija f’qagħda li tasal f’fehma li tilqagħha;

Illi qabel tagħlaq il-konsiderazzjonijiet tagħha, u fid-dawl ta’ ċirkostanzi oħrajn ta’ għarfien pubbliku, il-Qorti qiegħda tordna, għall-finijiet tal-artikolu 175(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li l-isem l-Awtorita’ mħarrka kif muri fl-atti tal-kawża jinbidel bil-kliem li ġej biex b’hekk jaqra “Awtorita’ għat-Trasport f’Malta”;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa’ t-talba attriċi** u, filwaqt li ssib li l-Awtorita’ mħarrka hija responsabbli għat-titligħ mill-ġdid tal-ħitan li jifirdu l-art tal-attriċi mit-triq pubblika fil-qasam magħruf bħala “*Tal-Palma*”, fil-Marsa, tordna lill-istess Awtorita’ mħarrka biex, bi spejjeż tagħha u skond ma titlob is-sengħa, terġa’ ttella’ l-ħitan imsemmija fuq il-linja murija fil-pjanta meħmuża mar-Rikors Maħluf (Dok “A”) u dan sa mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum;

Għall-finijiet tal-istess talba, **tawtorizża** lill-atturi biex f’każ li l-Awtorita’ mħarrka tonqos li twettaq dak lilha ordnat kif hawn fuq imfisser, jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa għat-titligħ tal-imsemmija ħitan, bi spejjeż tal-istess Awtorita’ mħarrka u taħt is-superviżjoni tal-Perit Arkitett

Mario Cassar li l-Qorti qiegħda taħtar bħala perit tekniku għal dan il-għan u torbtu li, hekk kif u meta jtemm din il-ħatra tiegħu, jagħmel rapport lil din il-Qorti fl-atti ta’ din il-kawża b’dikjarazzjoni dwar in-natura tax-xogħol imwettaq u tan-nefqa involuta;

Tordna li l-Awtorita’ mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------